**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 11 ta' Lulju, 2019

Rikors Numru: 123/19 AL

**A B**

Vs

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat fit-8 ta' Marzu 2019 li permezz tieghu r-rikorrenti ippremetta:

1. Illi l-partijiet żżewġu f' Awwissu 1980 u minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt tfal u ċioe D E u F illum it-tnejn maġġorenni.
2. Illi l-partijiet isseparaw minn xulxin ai termini tas-sentenza mogħtija fit-30 ta' Ottubru 2007 li kopja legali tagħha tinsab hawn esebita u markata bħala Dokument "A"

3. Illi bħala stat ta’ fatt l-ulied illum jinsabu maġġorenni u l-attur qiegħed jissoministra regolarment il-manteniment regolari lill-konvenuta ai termini tal-preċitata sentenza.

4. Illi fattwalment il-partijiet ilhom jgħixu separatament minn xulxin għal aktar minn għaxar snin u ma hemm ebda prospett ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti.

5. Illi r-rikorrenti iħoss li għandu jaqta’ kull rabta minn mal-konvenuta u jixtieq li jużufruwixxi ruħu minn dak li jipprovdi is-subtitolu IV tat-Titolu 1 tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili (kif ġie emendat bl-effetti tal-Att XIV tas-sena 2011) u allura jiġi dikjarat id-divorzju bejn il-partijiet b’mod li kull legam bejniethom jinqata’ darba għal dejjem.

6. Illi ma hemm ebda ħlas ta’ ebda arretrati ta’ manteniment dovut mir-rikorrenti lill-intimata.

7. Illi dawn il-fatti jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, (Kap 16) tal-Liġijiet ta’ Malta;

8. Illi l-esponenti inoltre jixtieq illi l-konvenuta ma tibqax tuża kunjomu u tirriverti ruħha għal-kunjom xbubitha u ċioe “G”.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-kontendenti għal-raġunijiet fuq mogħtija u ċioe li ilhom jgħixu separati minn xulxin għal aktar minn għaxar snin u peress li ma hemm ebda possibilita’ ta’ rikonċiljazzjoni bejniethom u

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien stabbilit minn din il-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

3. Tordna illi il-konvenuta ma tibqax tagħmel użu minn kunjom l-attur u ċioe “B” u għalhekk tirritorna għal-kunjomha ta’ xbubitha u ċioe

“Debono”- kollox skond kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjeż li jiġu sopportati egwalment bejn il-kontendenti.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz tagħha esponiet:

1. Illi l-partijiet żżewġu nhar it-3 t’ Awwissu tas-sena 1980 u isseparaw minn xulxin ai termini ta’ sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Sezzjoni Familja preseduta mill-Imħallef Noel Cuschieri u dan nhar it-30 t’Ottubru 2007.

2. Illi l-esponenti tikkonferma illi minn dan iż-żwieġ tweildu żewġt itfal u ċioe’ D E u F illum t-tnejn maġġorenni.

3. Illi l-esponenti tikkonferma illi l-manteniment qed jitħallas u dan skont kif indikat fis-sentenza fuq msemmija u ma hemm l-ebda arretrati ta’ manteniment dovuti.

4. Illi l-esponenti tikkonferma illi ma hemmx prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom u għalhekk taqbel mat-talba tal-attur u dan sabiex jiġi pronunzjat il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet.

5. Illi madanakollu l-esponenti mhux qed taqbel mat-tielet (3) talba tal-attur u ċioe illi hija tirreverti ruħha għal kunjom xbubitha u ċioe “G” u għalhekk qed toġġezzjona għal tali talba kif ukoll qed toġġezzjoni għal kap tal-ispejjeż illi għandu jagħmel tajjeb għalihom l-attur nnifsu.

Rat id-dokumenti kollha illi ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta’ Marzu, 2019;

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz tagħha qablet mat-talbiet kollha tar-rikorrenti b'dan illi ma qablitx li kellha tirriverti ghal kunjom xbubitha;

Rat illi r-rikorrenti accetta din l-eccezzjoni tal-intimata u qabel li l-intimata ghandha zzomm kunjomha ta' mizzewga u ċioe` "B";

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Ligi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta' Ottubru, 2007;

Illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt li rat li l-intimata ser izzomm kunjomha ta' mizzewġa u cioe` dak "B", qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.